

DEĊIJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 48/2011

tal-20 ta' Mejju 2011

li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) mal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa l-quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness II tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 132/2007 tas-26 ta' Ottubru 2007 (¹).
- (2) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/47/KE tat-8 ta' April 2008 li temenda, għall-finijiet tal-adattament għall-progress tekniku, id-Direttiva tal-Kunsill 75/324/KEE dwar l-apprōssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatai mad-dispensuri tal-ajrusols (²) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-inċiż li ġej għandu jiżdied fil-punt 1 (id-Direttiva tal-Kunsill 75/324/KEE) tal-Kapitolu VIII tal-Anness II mal-Ftehim:

“— **32008 L 0047:** Direttiva tal-Kummissjoni 2008/47/KEE tat-8 ta' April 2008 (ĠU L 96, 9.4.2008, p. 15).”

Artikolu 2

It-testi tad-Direttiva 2008/47/KE bl-ilsien Islandiż u dak Norveġiż, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, għandhom jitqiesu li huma awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-21 ta' Mejju 2011, sakemm in-notifikasi kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u fis-Suppliment taż-ŻEE tiegħu.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Mejju 2011.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

*L-Äġġent President
Gianluca GRIPPA*

^(¹) ĠU L 100, 10.4.2008, p. 1.
^(²) ĠU L 96, 9.4.2008, p. 15.

^(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjoni ma huma indikati.